**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 06/2021**

**28 ta' Settembru 2021**

## L-umanità u d-diċenza qabel il-profitt

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

L-industrija tal-kostruzzjoni laħqet livell ibaxx illum jekk rapporti li dehru fuq il-media lokali jiġu kkonfermati rigward kuntrattur mhux magħruf li rema' ħaddiem midrub serjament f'ġenb ta' triq imwarrba.

Waqt li qed jiġu diskussi miri ambizzjużi rigward it-tibdil fil-klima, strateġija dwar il-konsum imnaqqas tal-karbonju, u in-*New Bauhaus Initiative*, l-inċident ta' llum ifakkarna li x'uħud f'din l-industrija għadhom lanqas laħqu livell bażiku ta' mġieba responsabbli bbażata fuq l-umanità u l-kompassjoni.

Sakemm il-kuntratturi ma jkunux meħtieġa jkunu f'pussess ta' liċenzja sabiex joperaw, liema liċenzja trid tassigura li jkunu jridu joperaw bi tħaris tar-regolamenti tal-bini u jimpjegaw il-ħaddiema tagħhom b'mod legali, mhux ser jirnexxilna nagħmlu l-qabża ta' kwalità li hemm bżonn. B'sistema ta' liċenzjar f'postha, wieħed għandu jistenna li jekk dawn ir-rapporti jkunu konfermati, il-kuntrattur involute kien jitlef il-liċenzja u ma jkollux dritt jerġa' jopera f'din l-industrija.

Il-Kamra tal-Periti tagħraf li d-diskussjoni dwar ir-regolamenti l-ġodda dwar il-liċenzjar tal-kuntratturi għandha terġa' tissokta fil-BICC fil-ġimgħat li ġejjin, wara li kienu waqfu f'Mejju tal-2019. Il-Kamra ser tinsisti li dawn ir-regolamenti għandu jkollhom provedimenti li jissanzjonaw jew jiskwalifikaw kuntratturi li nstabu li kienu responsabbli għal tidrib jew mewt tal-ħaddiema tagħhom jew ta' ġirien minħabba negliġenza tagħhom qabel ma dawn ir-regolamenti jkunu daħlu fis-seħħ.

L-industrija trid tibgħat messaġġ b'saħħtu lill-"cowboys" billi l-istakeholders prinċipali jadottaw politika ta' zero-tolerance għal sfruttament tal-ħaddiema tagħha b'imġieba inumana u negliġenti.